

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 76/2010

tal-11 ta' Ġunju 2010

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 51/2010 tat-30 ta' April 2010 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1194/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 li jstabilixxi r-regoli implimentattivi għaċ-ċertifikazzjoni li l-ajruplani huma ta' kundizzjoni tajba għat-titjir u għaċ-ċertifikazzjoni ambjentali tal-ajruplani u l-prodotti, il-partijiet u l-apparati relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni tad-disinn u l-organizzazzjonijiet tal-produzzjoni ⁽²⁾, kif ikkoreġut permezz tal-ĠU L 58, 9.3.2010, p. 23, għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66p (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003) tal-Anness XIII mal-Ftehim:

“— **32009 R 1194:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1194/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 321, 8.12.2009, p. 5), kif ikkoreġut bil-ĠU L 336, 18.12.2009, p. 58 u bil-ĠU L 58, 9.3.2010, p. 23.”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1194/2009, kif ikkoreġut bil-ĠU L 336, 18.12.2009, p. 58 u bil-ĠU L 58, 9.3.2010, p. 23, li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-12 ta' Ġunju 2010, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ^(*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

⁽¹⁾ ĠU L 181, 15.7.2010, p. 19.

⁽²⁾ ĠU L 321, 8.12.2009, p. 5.

^(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.